MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-2 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 791/2014

**GO plc (C-22334)**

**Vs**

**Boukadi Manel (K.I. 189406L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz datat 04 ta’ Dicembru, 2014 li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici ppremmettiet illi l-intimat ghandu jaghti lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u dsatax-il ewro u tlieta u sebghin centezmu (€419.73c), bhala bilanc rimanenti minn somma akbar in konnessjoni ma’ ftehim ghal hlasijiet rateali datat 31 ta’ Lulju, 2013 (AC40181640).

Illi 'nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, l-intimat baqa' 'nadempjenti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Elenku ta' dokumenti mehmuza:

Dok A – Kuntratt

Dok B – Estratt mir-Registru Elettorali

Dok C – Prospett

Ra mill-atti illi l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-26 ta' Jannar, 2015 mill-Avukat Dr Keith Grech u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' erba' mija u dsatax-il ewro u tlieta u sebghin centezmu (€419.73c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------